**Qorti tal-Maġistati (Għawdex)**

**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Illum, 01 ta' Awwissu, 2020**

**Maġistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit**

Kawża numru: 27/2020

Il-Pulizija

(Spettur Bernard Charles Spiteri u Spettur Mario Xiberras)

vs

Jonathan Caruana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Jonathan Caruana, li għandu karta tal-identita' bin-numru 27298(M), ta' 22 sena, iben John u Francesca Zammit Caruana nee' Zammit, mwieled Santa Venera, nhar il-1 ta' Jannar 1998 u residenti 'President Block B', Flat 2, Triq Birbal, Balzan fejn qed jiġi akkuzat li;

a) nhar il-20 ta' Ġunju 2020, fi x'hin bejn 6.20p.m. u 6.40p.m. minn ġewwa triq Qasam San Gorg, Kerċem Għawdex u/jew fil-vicanzi ikkommetta serq ta' mutur tal-għamla Honda AFS 110CSF bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni DCB857 u oġġetti oħra fosthom ċwievet, pjanċi tar-reġistrazzjoni, karti ta' krediti tal-banek u għodod tar-raba' li l-valur tagħhom jaqbez aktar minn elfejn tliet mija u disgha u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Joseph Gauci u/jew persuni oħra, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-lok u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261, 269 u 271 tal-kapitolu 9.

b) U aktar talli nhar 30 ta' Lulju 2020 u fil-ġimgħat ta' qabel ġewwa dawn il-Gzejjer laqa għandu jew xtara hwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap. 9.

Il-Qorti:

Rat li matul is-seduta ta l-01 ta' Awissu, 2020, l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi.

Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

**Ikkunsidrat:**

In kwantu ghall-piena din il-Qorti qegħda tieħu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, l-ammissjoni bikrija u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

**Decide:**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261, 269, 271, 280 u 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lill-imputat ħati ta' l-akkuzi madankollu bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal- Kap 446 il-Qorti ma tarax raġuni valida għala għandha timponi piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tal-ħati u anqas għandha timponi perjodu sospiz ta' priġunerija, izda minflok ser tapplika fil-konfront tiegħu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-konsegwenzi serji kollha f'kaz li l-ħati jikkommetti reat ieħor tul il-perjodu ta' liberta kondizzjonata. Għaldaqstant bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti twissi lill-ħati bil-konsegwenzi serji skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberta' kundizzjonata.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur